

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Frar 2020 minn Société des produits Nestlé SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fid-19 ta' Diċembru 2019 fil-Kawża T-40/19 – Amigüitos pets & life vs EUIPO – Société des produits Nestlé**

**(Kawża C-97/20 P)**

(2020/C 247/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* Société des produits Nestlé SA (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz, C. Elkemann u A. Lambrecht, Rechtsanwälte)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Amigüitos pets & life SA (rappreżentanti: N.A. Fernández Fernández-Pacheco, abogado), L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-27 ta' Frar 2020 – Regione Puglia vs Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare et**

**(Kawża C-110/20)**

(2020/C 247/08)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* Regione Puglia

*Konvenuti:* Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Ministero dei beni e delle attività culturali e del turismo, Ministero dello Sviluppo Economico, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Commissione tecnica di verifica dell'impatto ambientale

**Domandi preliminari**

Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994<sup>(1)</sup> għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali bħal dik deskritta, li minn naħa, tiddefinixxi bħala ottimali għall-finijiet tal-ħruġ ta' permess ta' esplorazzjoni ta' idrokarburi żona partikularment estiża, maħruġ għal perijodu determinat – f'dan il-każ żona ta' 750 kilometru kwadru għal sitt snin – u li, min-naħa l-oħra, tippermetti li dawn il-limiti jinqabżu permezz tal-ġhoti ta' diversi permessi ta' esplorazzjoni għal żoni kontigwi favur l-istess operatur wieħed, bil-kundizzjoni li dawn jinħarġu wara proċeduri amministrattivi separati?

<sup>(1)</sup> Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-ġhoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 262).